MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1179/2011

***Newco Steel Ltd.***

**li ghandha n-numru ta' registrazzjoni**

**taghha C – 11310**

**vs.**

***C & M Contractors***

**li ghandha n-numru ta' registrazzjoni**

**taghha C - 30803**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-29 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' mitejn hamsa u disghin elf, disa` mija u wiehed Ewro u sitta u tletin centezmu, (€295,901.36), wara li bieghet u kkonsenjat xbieki tal-hadid u materjal ta' kostruzzjoni iehor matul perjodu ta' l-ahhar hames (5) snin mid-data tal-prezentata ta' l-imsemmi rikors promotur;

1.2. Illi l-amont dovut fuq indikat hu dovut a bazi tal-fatturi datati l-31 ta' Dicembru, 2009, (ara foll 8 u 9);

1.3. Illi kontestwalment mar-rikors promotur gie wkoll intavolat mandat ta' sekwestru;

1.4. Illi aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara u tikkonferma li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.) aktar qabel)

1.4.2. Tordna u tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

1.4.3. Taghti kull rimedju u/jew direttiva xierqa u necessarja biex jigu protetti l-interessi necessarji tas-socjeta` rikorrenti rigwardanti l-imsemmi kreditu;

1.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata d-9 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha sintetikament wiegbet bil-mod segwenti ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

2.1 Illi s-socjeta` *attrici*, (*recte* intimata), mhix il-legittimu kontradittur *stante* li mhix proprjetarja ta' oggetti fil-Fgura, Zejtun u Marsaxlokk kif pretiz;

2.2. Illi s-socjeta` intimata qatt m'irceviet xoghol ta' hadid minghand is-socjeta` rikorrenti;

2.3. Illi l-ammont pretiz mhux dovut u hu infondat u ezagerat;

2.4. Illi m'ghandha taghti l-ebda ammonti lis-socjeta` rikorrenti;

2.5. Illi l-fatturi prodotti mis-socjeta` rikorrenti huma *back dated*, fittizji u frawdolenti;

2.6. Illi l-hlas ghal tali fatturi ghandu jsir minn min ircevihom, senjatament, il-firmatarju taghhom;

2.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Semghet lix-xhieda prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz id-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

5. Rat il-verbal datat il-11 ta' Frar, 2015, flimkien mad-digriet hemm indikat li permezz tieghu ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fid-data hemm indikata bil-fakolta` li l-kontendenti jkunu jistghu jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sad-data hemm ukoll indikata, (ara foll 110);

6. Tirrileva li is-socjeta` intimata biss uzufruwiet ruhha minn din il-fakolta` hekk moghtija, (ara foll 112), ghalkemm tardivament;

Ikkundsidrat:

7.0. Illi l-fatti kif esposti in atti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi fil-bidu tar-relazzjoni kummercjali bejn is-socjetatjiet kontendenti, s-socjeta` intimata kienet tezegwixxi l-obbligi taghha lejn is-socjeta` rikorrenti b'mod regolari u kienet anke thallas l-ammonti minnha dovuti lis-socjeta` rikorrenti b'mod puntwali, (ara foll 49);

7.2. Illi l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kienu jsiru permezz ta' cekkijiet *post dated,* (ara foll 49);

7.3. Illi maz-zmien, dawn ic-cekkijiet ma bdewx jigu onorati mill-bank, (ara foll 49);

7.4. Illi konsegwenza ta' dan il-kreditu involut beda jakkumula b'mod konsiderevoli, (ara foll 49);

7.5. Illi kull negozju mas-socjeta` intimata kien ikun approvat mid-direttur ta' l-istess socjeta` Charles Mangion, (ara foll 49);

7.6. Illi l-hadid rilaxxat mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata kien isir biss wara li x-xoghol involut kien ikun approvat mill-istess direttur indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 49);

7.7. Illi zewg impjegati tas-socjeta` intimati, Paul Abela u Nikol Farrugia, kienu jiehdu l-hadid *de quo* u kienu debitament awtorizzati mis-socjeta` intimata biex jaghmlu dan u konsegwentement, kienu anke jiffirmaw *delivery notes* f'isem l-istess socjeta` intimata, (ara foll 49, 54 u 57);

7.8. Illi meta l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti ssupera l-ghaxart elef Ewro, (€10,000.00), is-socjeta` rikorrenti insistiet fuq modalita` differenti ta' pagament billi bdiet tinsisti li l-pagament isir permezz ta' proprjeta`, (ara foll 50);

7.9. Illi ghalkemm jirrizulta li l-kontendenti qabblu li jidbew joperaw permezz ta' din il-modalita` ta' pagament, is-socjeta` intimata qatt ma effettwat pagament permezz ta' din il-modalita`, (ara foll 50), *nonostante* li s-socjeta`

rikorrenti baqghet tforni lis-socjeta` intimata bil-materjal *de quo*, (ara foll 50);

7.10. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti ghal materjal edilizju fuq indikat tela` ghal mitejn u hamsa u disghin elf, disa` mija u wiehed Ewro, u sitta u tletin centezmu, (€295,901.36), (ara foll 50 u 58);

7.11. Illi ghalkemm jirrizulta li saru diversi konvenji bejn is-socjetatjiet kontendenti biex jigi attwat il-ftehim in dizamina hekk milhuq, dawn il-konvenji bdew jiggeddu perjodikament sakemm ma gie rrealizzat li din kienet biss tattika intiza biss biex "... jitwal u jinhela aktar zmien...", (ara foll 51);

7.12. Illi konsegwenza ta' l-istess is-socjeta` intimata baqghet ma hallsitx lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnha dovut ghall-materjal lilha kkonsenjat mill-istess socjeta` rikorrenti, (ara ukoll 59);

7.13. Illi l-fatturi pprezentati mis-socjeta` rikorrenti in sostenn tat-tezi taghha f'din il-procedura jissufragaw ir-raguni ghall-pretensjonijiet taghha, (ara foll 73 sa 83);

7.14. Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata jinnega li din is-socjeta` ghandha taghti xi flejjes lis-socjeta` rikorrenti, jonqos igib ragunijiet sodisfacenti ghal tali affermazzjoni, (ara foll 71);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi din il-qorti hi ghalhekk sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' mitejn hamsa u disghin, disa` mija u wiehed Ewro u sitta u tletin centezmu, (€295,901.36);

8.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

8.3. Tikkundanna wkoll lis-socjeta` intimata biex thallas l-interessi kommercjali dovuti fuq l-istess ammont hekk hawn likwidat, u dan, mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, (id-29 ta' Novembru, 2011);

8.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, ta' l-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju indikat fl-istess rikors guramentat promotur, kontra l-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------